MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 944/2013

***HSBC Bank Malta p.l.c.***

**(C-3177)**

**vs**

**Etienne Cassar**

**(karta ta’ l-identita` numru 181976 (M))**

**u**

**Marina Cassar**

**(karta ta’ l-identita` numru 19865 (A))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-3 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi l-intimati fuq indikati huma debituri tal-bank rikorrenti fl-ammont ta' disgha u tletin elf, tmien mija u tnejn u hamsin Ewro u sitt centezmi, (€39,852.06), kif spjegat fl-istess rikors guramentat promotur fuq riferit;

1.2. Illi *di piu`*, l-istess intimati huma wkoll debituri tal-istess bank fl-ammont ta' disgha u ghoxrin elf, tmien mija u sebgha u ghoxrin Ewro u erbgha u disghin centezmu, (€29,827.94), kif ukoll spjegat fl-istess rikors guramentat promotur;

1.3. Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu l-istess ammonti fuq indikati permezz ta' ittra ufficjali hemm ukoll riferita, l-intimati baqghu indampjenti;

1.4. Illi in vista tal-premess il-bank rikorrenti aderixxa din il-Qorti biex:

1.4.1. Tiddikjara li solidament bejniethom l-intimati huma debituri tal-bank rikorrenti fis-somma globali ta' disgha u sittin elf, sitt mija u tmenin Ewro (€69,680.00);

1.4.2. Tikkundanna lill-intimati fuq riferiti biex solidalment ihallsu s-somma indikata fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

1.4.3. Tikkundanna wkoll lill-istess intimati biex solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-imghax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital dovut, u dan mit-28 t'Awwissu, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

1.4.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess intimati;

2. Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors guramentat promotur;

3. Rat ir-rikors tal-intimata Marina Cassar datat l-4 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet li tigi awtorizzata tipprezenta r-risposta taghha;

4. Rat ir-risposta tas-socjeta` rikorrenti datata t-12 ta' Dicembru, 2013, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm indikati, issottomettiet li t-talba ta' l-intimata kontenuta fil-paragrafu precedenti, ghandha tigi michuda,

5. Rat id-digriet taghha fir-rigward datat il-21 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu, wara li semghet ix-xhieda tal-intimati fir-rigward, awtorizzat lill-intimata Marina Cassar tipprezenta r-

risposta guramentata fil-modalita` hemm espressa, (ara fol 52);

6. Rat in-nota tal-intimati datata l-11 ta' Frar, 2014, ipprezentata in atti fl-udjenza tat-18 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha nonostante l-awtorizzazzjoni lilhom moghtija kif rilevat fil-paragrafu precedenti, l-intimati fuq indikati ammettew t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

**DECIDE**

7.0. Illi in vista tal-istess ammissjoni din il-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti, u konsegwentement:

7.1. Tiddikjara li l-intimati Etienne u Marina konjugi Cassar huma debituri *in solidum* tas-socjeta` rikorrenti *HSBC Malta p.l.c.* fl-ammont komplessiv ta' disgha u sittin elf, sitt mija u tmenin Ewro, (€69,680.00), kif indikat fil-paragrafi precedenti;

7.2. Tikkundanna lill-intimati fuq riferiti biex *in solidum* ihallsu l-ammont komplessiv likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti fuq ukoll riferita;

7.3. Tikkundanna wkoll lill-istess intimati biex *in solidum* ihallsu l-imghax ulterjuri bit-tmienja fil-mija (8%), fis-sena fuq il-kapital dovut lill-istess socjeta` rikorrenti, u dan, mit-28 t'Awwissu, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

7.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess intimati fuq riferiti.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------